# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Athenæum Melitense

Ut fructificemus Deo

**Is-Sitt Sena** **Lulju Awissu 1936** **Għadd 65-66**

**2d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

LULJU u AWISSU 1936] IS-SITT SENA [Ghadd 65 u 66

# NUQQAS TA' KRITIKA

## KITBA ĦAŻINA

Il-kitba hija Sengħa tal-Ġmiel, u bħas-Snajja tal-Ġmiel l-oħra taħtieġ, biex tikber u tirtaqam, żmien, xogħol u ħedma ta' moħħ. Il-qalb tħoss, ir-ruħ tara, u l-moħħ jaħdem kollox u jfissru bi kliem sabiħ. Iżda mhux il-qarrejja kollha jifhmu kull ma tħoss qalb il-kittieb, mhux kullħadd jilmaħ taħt il-ħżuż ta' ittri mejta dawk id-dehriet, kbar u sbieħ li darba xegħlu f'moħħ il-kittieb, mhux kullħadd iħoss it-tregħid u t-tqanqil ta' qalb moħbi taħt il-kisja ħafifa tal-kitba, għalhekk il-qarrejja jaħtieġu l-għajnuna ta' kittieba oħra b'qalb aktar ħajja, b'għajn aktar rajja, b'moħħ aktar irqiq li juruhom il-ġmiel u l-kobor tad-dinja maħluqa mill-kittieb u minnu mistura taħt l-istar ħafif tal-kitba Min-naħa l-oħra, xi drabi l-kittieb ma jfisserx tajjeb dak li jħoss, jew ma jarax ġewwa ruħu ħlief dehriet mitfija, bla lewn u bla ħajja, jew ma jħossx ġewwa qalbu ħlief tqanqil dgħajjef u mejjet. Għal kitba bħal din il-qarrej jaħtieġ ukoll il-għajnuna ta' ħaddieħor li jiftaħlu għajnejh u jnebbħu biex ma jieħux b'tajjeb dak li hu ħażin, biex ma jfaħħarx bħala sabiħ dak li ħaqqu t-tmegħir bħala ikrah.

Minn hawn tnisslet il-*kritika.* Kritika tfisser tgħarbila, għażla tat-tajjeb mill-ħażin, tad-dqiq min-nuħħala. Mela kritika letterarja hija dik it-tgħarbila li biha nagħżlu dak li hu tajjeb u sabiħ fil-kitba minn dak li hu ħażin, ikrah, jew għallinqas, li mhux tajjeb u sabiħ biż-

żejjed. Mingħajr kritika u la l-kitba u lanqas is-Snajja tal-Ġmiel l-oħra ma jimxu 'l quddiem. U għalhekk ma hawnx pòplu, li għandu fih xi ftit ta' ħajja letterarja, li ma għarafx il-ħtieġa tal-kritika, u li ma ħaddemx il-kritika kemm seta'.

Il-ħajja letterarja tal-Malti għadha kemm bdiet, imma, jaħtieġ li titqawwa bis-saħħa tal-kritika, jekk ma rriduhiex tmut ħesrem. S'issa l-kritika bil-kemm nafu biha, u l-kotra aktarx tħares lejha ikrah, bħallikieku lejn għadu għajjur li jrid ifixkel il-kitba. Fostna kritika aktarx tfisser għira, mibegħda, tfixkil. U min jittarraf igħid nofs ta' kelma ta' kritika, mqar bħala ħbieb, ikollu jnewwel wiċċu għad-daqqiet ta' ħarta ta' kittieba b'moħħ qasir. Kull min iħarbex erba' kelmiet bil-Malti, jrid l-isem u l-ġieh ta' kittieb; kull min jikteb żewġ versi ħziena, jrid l-isem u l-ġieh ta' poeta, u miskin hu min jitniffes u jgħid kelma waħda biss li ma tkunx taħraq b'tifħir fieragħ u giddieb. Jekk il-ktieb, li jidħol ġo l-għarbiel tal-kritika, jaħsel ikun xi ħajja ta' qaddis, jew xi ktieb ta' tagħlim reliġjuż, igħidu li int trid tfixkel it-tixrid tal-qari tajjeb; jekk ikun ktieb miktub minn xi qassis, tisma' min igħidlek li int ma tħobbx il-qassisin; jekk min jagħmel il-kritika jkun qassis, dawk li jfittxu x-xagħra fil-għaġina (u ma jarawx zokk ta' siġra) igħidu li dan hu nuqqas ta' mħabba lejn għajrna. U fuq kollox aktarx li tisma' dejjem din il-għanja: min jagħmel il-kritika hu kburi u għajjur, għax jaħseb li ma hawn ħadd bħalu u jrid li ma jkun hemm ħadd bħalu u jgħir għal kull min jaf jikteb kelmtejn.

Dan kollu nafuh mill-esperjenza tagħna, u għalhekk ħadd ma jista' jmerina. Marda qalila ta' poplu li għadu mhux imwieled għal ħajja letterarja. Imma ma tbeżżagħniex. Biex infejjquha, ma nistmellux u la li nqiegħdu l-ħadida tikwi fuq il-ġerħa u l-anqas li naqtgħu laħam ħażin jew nisqu duwa morra. Ha jibki l-marid kemm irid, iżda wara, meta jfiq, jiżżiħajr lit-tabib li fejjqu.

Il-kritika letterarja, biex iddawwal it-triq tal-kitba, jaħtieġ li tkun mibnija fuq dawn is-sisien :

1. Il-kritika għandha tikxef u turi t-tajjeb u l-ħażin, it-tajjeb biex nimxu miegħu u l-ħażin biex nitbiegħdu minnu. Aktarx li ma hawnx kittieb wieħed, tajjeb kemm hu tajjeb, li ma ssiblux xi żelluma żgħira, jew ħażin kemm hu ħażin, li ma ssiblux xi ħaġa tajba. Għalhekk ikun jonqos mill-ħaqq il-kritiku li jfaħħar kollox, jew ifaħħar biss bla ma jsemmi n-nuqqasijiet, jew inkella jmaqdar bla ma jsemmi t-tajjeb,

2. Il-kritika għandha tħares lejn il-kitba u mhux lejn il-kittieb. Kien min kien il-kittieb, magħruf jew le, mweġġah jew le, ħabib jew le, ix-xogħol tal-kritika għandu jkun dejjem xorta waħda: dejjem għarbiel wieħed li jagħżel l-istess nuqqasijiet; dejjem għajn waħda li tifli l-istess għiltijiet; dejjem miżien wieħed li jiżen l-istess ħtijiet. Jekk infaħħru l-kittieb, infaħħruh imħabba xogħlu u mhux għax ħabib tagħna, jew għax persuna magħrufa, mweġġha, li rridu minnha; u jekk inmaqdruh jew insawwtuh, inqisu li ma noħorġux barra mit-triq billi nħarsu lejn il-persuna aktar milli lejn il-ktieb. Tifħir kemm hu xieraq, u kxif ta' nuqqasijiet bil-qjies, b'fehma tajba u bi ħbeberija ma' kullħadd.

3. Meta kittieb ikollu fehma li ma taqbelx mal-fehma tal-kritiku, jekk din il-fehma tista' tinżamm, il-kritiku ma għandu l-ebda jedd idawwar il-kittieb għall-fehma tiegħu. Għandu biss juri l-għala ma jaqbelx mal-kittieb, juri liema jidhirlu li hu l-aħjar, u jħalli 'l kullħadd b'rajh f'idejh jimxi ma' min irid.

Fuq dawn is-sisien jidhrilna li nistgħu nibnu kritika tajba, li tolqot bla ma tweġġa' 'l ħadd, li tneħħi l-fehmiet ħżiena ta' mħuħ dgħajfa u ddawwal it-triq tal-kitba. Nifhmuha tajjeb; bla kritika ma nimxux 'il quddiem; jekk irridu li l-kitba tal-Malti togħla fil-ġieh, naqbżu u nitkellmu bla mistħija u bla biża' fuq kull ktieb li joħroġ u nrażżnu s-sefqa ta' wiċċ ta' dawk il-kittieba li bit-tħarbix

tagħhom qegħdin jitfgħu l-ikrah għajb fuq il-kitba tal-Malti. L-imgħoddi għadda; il-lum twelidna għal ħajja ġdida, ħajja letterarja, ħajja li tgħollina u ddaqqasna ma' ġnus oħra. Għalhekk ninżgħu l-fehmiet qodma, u nifthu għajnejna għad-dawl tal-ġmiel li jiddi fil-letteratura.

# MARIJA

Taf, ħelwa Marija,
Bid-dieqa ta' mħabba ġo fija?

Dik ħarstek kburija
Tweġġagħni, Marija:
Int risqi, int hemmi.

Tgħidha l-poeżija,
O ħelwa Marija,
Il-bikja qawwija
Li tokrob ġo demmi.

Taf, ħelwa Marija,
B'did-dieqa ta' mħabba ġo fija?

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# ŻEWĠ IMPERI

Kien għadu kemm għalaq tletin sena. Il-ħajja kienet tidhirlu kollha tlellix u dija, kollha xewqat u tama. Iżda dik il-ħabta kien hemm bħal tqanqila kbira f'pajjiżu. Kienet sejra ssir gwerra ma' art oħra bil-wisq akbar minn tiegħu. Ġensu ried jikber, ried jimraħ, ried ikollu artijiet akbar fejn igħix. U l-qlub kienu mqanqla u l-uċuh ħomor bil-qilla. Imbagħad, darba waħda fil-għaxija, sab ruħu ġo misraħ mimli nies li kienu jisimgħu l-kelma ta' bniedem li kienet tqajjem u tħeġġeġ il-qlub. Kien hemm kontijiet qodma x'jitħallsu, kien hemm tebgħa qadima li kien jinħtieġ titħassar meta eluf ta' żgħażagħ bħalu sfaw meqruda għal kollox f'dika l-art imbiegħda. Dak il-ħin ra l-folla ċċapċap, tgħaqqad il-ponnijiet u xxejjer il-bnadar bil-lwien ta' pajjiżu; u ħass qalbu tingħafas u d-demm kollu tal-vini tiegħu tielagħ għal rasu. Imbagħad huwa wkoll xejjer idejh, għaqqad il-ponnijiet u għajjat mal-folla. Il-ħeġġa kollha ta' żgħożitu ħassha dak il-ħin tmexxih għal xi mkien li ma kienx jaf fejn qalb dik il-ħamba u tmewwiġ qawwi tan-nies. Għaliex ma kellux jitlaq huwa ukoll għall-gwerra ? Għaliex ma kellux jagħti ħajtu għal pajjiżu kif tawha mijiet ta' żgħażagħ qablu, kif eluf ta' oħrajn kienu sejrin jagħtuha issa ?

Għadda dak il-lejl bla ma qagħad jaħseb ħafna. Imbagħad filgħodu, ġera għal wara bieb ta' palazz kbir, minsub f'nofs ta' pjazza, daħal ġewwa, u, wara li fetħulu bieb ċkejken, sab ruħu quddiem uffiċjal jikteb fuq mejda ħadra.

– Inti trid tmur minn rajk għall-gwerra ? staqsieh l-uffiċjal.

—Iva, wieġeb iż-żagħżugħ fil waqt li talla' 'l fuq it-troffa tax-xagħar li kienet niżlitlu fuq ġbinu. Imbagħad ta l-aħħar tislima lil ommu, lil missieru, lil ħutu u fl aħħarnett lit-tfajla samranija li lilha kien ħalef imħabba ta' dejjem f'kemm il-lejla ta' żgħożitu. Wara li taha l aħħar bewsa fuq ġbinha u rassha l-aħħar darba ma' qalbu, wegħedha li l-ebda qawwa ma tista' tifirdu minnha u tħassar il-ħolma sbejħa li ħolmu f'żgħożithom Imbagħad telaq għal għonq it-triq. Tala' fuq vapuri u ferroviji u ra kemm il-pajjiż quddiemu. Sa fl-aħħar qalulu li wasal għal fejn kien imsejjaħ. Sab li kienet art ħiemda u maħruqa bix-xemx, art ta' kobor bla tarf. F'dik l-art żmien ilu mijiet ta' żgħażagħ bħalu kienu tqabdu u ħallew ħajjithom. X'kien sejjer isir issa minnu ?

Wasal l-ewwel jum tat-taqbida; ġera ġo widien, stkenn wara ħitan, tala' ma' muntanji staħba ġo għerien. Kemm il-darba ra l-mewt ma' ġenbu u kemm il-darba ħelisha bis-sliema. Iżda darba waħda kien fil-għaxija, fil-waqt li kien qiegħed jixref bil-għaqal minn wara blata biex jistħarreġ iċ-ċaqlieq tal-għadu, minn fuq għolja quddiemu, tiġi balla, tispara, u tinfetaħ bħal stilla ġo wiċċu.

* * *

Meta ġie f'sessih sab ruħu ġo sptar fuq sodda nadifa u ċkejkna. Ma'ġenbu lemaħ il-wiċċ twajjeb ta' soru li kien qiegħed jidħaklu bil-ħlewwa. Kif int issa?—staqsietu s-soru kollha mħabba; iżda ż-żagħżugħ ma weġibx għax wiċċu kien għadu marsus ġol-faxxi. Il-jum li fih t-tabib ħelsu minn kull xkiel u qallu li ma jdumx ma jkun id-dar imlielu qalbu bil-hena. Iżda ftit wara ra wċuh jieqfu quddiemu, jiskantaw, jaħarbu bil-ġirja u u jpespsu xi ħaġa bejniethom. Hu kien għadu ma jistax jifhem. U wasal il-jum mixtieq li fih raġa' ra 'l pajjiżu. Huwa ġera għal wara l-bieb tad-dar u ħabbat bis-saħħa. Il-bieb infetaħ. Kienet ommu. Iż-żagħżugħ jiġri biex igħannaqha u jbusha. Din tieqaf tħares lejh mibluha, tgħajjat għajta kbira u mbagħad tinxeħet fl-art mitlufa. Hawnhekk ħsieb tal-biża' jixgħel bħal berqa ġo moħħu. Huwa jitla bla nifs it-taraġ tad-dar, jiftaħ il-bibien tal-kmamar u jiġri għal quddiem mera kbira li kellhom f'waħda minnhom. Hawnhekk huwa wkoll igħajjat għajta kbira. Issa kien fehem kollox. Id-dehra ta' wiċċu mħassar u msewwi minn id it-tobba kienet tqażżeż u tbażża'; huwa kien jixbah aktar lill-bhejjem milli lill-bnedmin. Huwa kien sar l-għaġeb, il-mostru ta pajjiżu. Dak il-ħin sewwa sama' għajjat qawwi ġej minn barra: kienet il-folla tiġri mat-trieqat ferħana għaliex pajjiżu kien sar imperu. U ried kieku joħroġ barra, jerġa jitħallat mal-folla u jisħet quddiem kullħadd il-gwerra u l-bnedmin li ħolquha. Jisħet lil dawk il-ħarbiexa tal-pinna li taħt l-isem ta' patrijottiżmu jixħtu mijiet ta' żgħażagħ fir-rwiefen tal-mewt u ta' dwejjaq għal dejjem. Imma kien jaf kemm hu qalil teħodha kontra tagħlim u drawwiet qodma fid-dinja. Fuq kollox huwa kien bniedem wieħed u l-bnedmin kienu ħafna. Huma setgħu jsejħulu vili, ipokrita, egoista u mitt isem ieħor li taf toħloq ir-raġuni magħtuba tal-bniedem; huwa ma setax igħid ħlief kelma waħda: ajma! Huma kellhom ir-raġunijiet tal-filosofi u l-kliem sabiħ tal-poeti: huwa ma setax juri ħlief it-tbatija tiegħu. Dak il-ħin ftakar fit-tfajla samranija tiegħu u raha miexja mistrieħa ma' dirgħajn ta' tfajjel mitlufa f'taħdita sabiħa ta' mħabba. X'kien għad fadallu jagħmel iżjed fid-dinja? Xejn ħlief joqgħod fis-

skiet ta' kamartu jġarrab salibu bis-sabar. Huwa kien għen biex jitwaqqaf imperu imma kien qered l-imperu ta' ħajtu, l-imperu ta' żgħożitu bis-seħer u l-ġmiel kollu li hemm f'din il-kelma; kien niżel minn fuq it-tron ta' sbuħija u tjassar minn rajh ġewwa ħabs ta' tbatija u dwejjaq għal dejjem.

Iżda għaliex ma kellux imut huwa fil-gwerra? Kieku bħal issa x-xbiha tiegħu qiegħda fil-gazzetti u ismu mniżżel ma' dawk ta'-qalbenin. Iżda dak li ma sarx dak inhar jista' jsir issa; għall-ħsieb tal-mewt il-wiċċ taż-żagħżugħ jitħenna. Dik it-tieqa miftuħa li tagħti għat-triq kienet tista' taqdih wisq tajjeb; isfel kien hemm dalma u ħemda. Jinxeħet minn hemm, jintelaq ġo dak il-beraħ sewdieni u jistrieħ għal dejjem! U diġa kien għamel l-ewwel pass. Iżda dak il-ħin id-demm ta' żgħożitu qajjem bħal rewwixta kontra tiegħu. Huwa kien għadu jiftakar, kien għadu jixtieq, kien għadu jħobb u dawn it-tliet setgħat tar-ruħ ħasshom jorbtuh bħal seħer mal-ħajja. Kien jinħtieġ li huwa jgħix. Iva jgħix bit-tifkira ta' dak kollu sabiħ li għadda minn fuqu, bid-dehra ta' l-uċuh maħbuba li ħabb. Huwa kien wiret ruħ kbira wisq u sabiħa biex ineħħi ħajtu b'idejh.

Sadattant il-lejl kien daħal ġmielu u kollox madwaru nsatar fid-dlam u fis-skiet. Iż-żagħżugħ, bla ma jaf x'għandu jagħmel, fetaħ kexxun ċkejken ġibed minnu żewġ medalji, waħda tad-deheb u l-oħra fal-fidda u hemiżhom fuq sidru. Dawk kienu l-ħlas tas-sagrifiċċju tiegħu. Iżda hu kien għadu fid-dinja u d-dinja kienet għadha temmen fihom. Bihom fuq sidru ż-żagħżugħ beda jimxi minn naħa għal oħra tal-kamra; ħa gost iħosshom idoqqu fuq sidru. Sakemm riġlejh ma felħux iżjed u fuq ħuġbejh ħass toqol ta' għejja kbira. Iż-żagħżugħ nxteħet fuq is-sodda u ma tħarrikx iżjed.

Iż-żagħżugħ mostru bennej ta' l-imperu kien rieqed!

Għawdex

ĠORĠ PISANI

# Alla faraġ il-Bniedem

Fit-toroq imwegħra tad-dinja bid-dwejjaq
u n-niket kbar tagħha, mort nixħet il-ħsieb
u nilmaħ tliet ishma ġe fiha, trid tfejjaq
lil qalba—fil-*għana*, fil-*ġieħ* u fil-*ħbieb*....

X'int tfittex, ja ħija.... x'int kiebi tiġġerra
mad-dinja, tittallab il-faraġ bieb-bieb?!
Mulejna biss jista' jbegħdilna dil-gwerra
ta' dwejjaq li wassal lil ruħna fi ħrieb.

Hu waħdu jsabbarna u dlonk lilna jisber,
Hu biss isikkitna mill-biki u mil-lfieq!
u min għandu l-ħila, tul minkeb biss jikber,
mill-mewt jarġa' għall-ħajja jekk jimrad ifieq?!

Bix-xemx min isaħħan lid-dinja? mhux Alla
li jxabba' bix-xita, li jgħajjex kull ħaġa?
Il-qilla tal-baħar irażżan u jtalla'
il-qoton fl-egħlieqi u s-suf fuq n-nagħġa?

Mhux Hu jsebbaħ l-għodwa! mhux Hu l-ġilju jkabbar
u l-iċken għasafar ma jħalli bil-ġuħ!?....
kemm iżjed fik jaħseb jekk int le titkabbar!
li tiegħu int xbiha, għax żejjnek bir-ruħ!!

* * *

Lilek mela Gesù Sidi,
illi l-fidi
għoġbok fija ssawwab! Tini
Ruħ-il-Qodos ġewwa fija,
biex fin-niket u fid-djieqa
minn din-nieqa
ta' tiġrib, jista' jqawwini.

Deh, mil-lum inwiegħdek jiena
biex kull ħniena
naqla u faraġ f'qalbi nġarrab
fuq l-artal lilek inqim
fit-tqarbin
u qatt minnu, qatt ma nwarrab.

1915. R. M. B.

# U JEKK MA TIDHAKX.....

Max Beerbohm, fil-kitba tiegħu dwar il-hena tad-daħk, igħid..... tajjeb, igħid bosta xorti li bħal issa ħarbu minn moħħi bħal ma jaħrab żiemel imnaffar. Il-ħtija li jiena ma għadnix niftakar ħsieb wieħed minn dik il-kitba, hija jew ta' Max Beerbohm li jiffilosofizza bosta u ftit tiftakru, jew tiegħi.... għax moħħi ma jerfax. Inħallu (la darba nsejnieh, xi trid tagħmel!) lil Max Beerhohm rieqed qalb il-kotba; u 'l moħħi, wara tindifa minn ħsebijiet tqal u mħawwda, nqabbduh triq oħra, iżjed ħafifa, iżjed watja.

Xi ħames jew sitt snin ilu jien sibt ruħi, ferrieħi għalkemm waħdi, f'nofs trejqa minn fejn, jekk nitfa' l-ħarsa l-ura, nilmaħni tfajjel bil-ħlewwa ta' erbatax-il-sena, u jekk, min-naħa l-oħra, nħares il-quddiem narani żagħżugħ bis-saħħa ta' għoxrin. Ngħiduh bejnietna jien ħsibt illi l-logħob, id-daħk, u l-ġmiel tat-tfulija, meta nikber u nsir żagħżugħ, ser jiżdied b'ħajja ta' ferħ u ta' mitt hena ieħor. Ma hemmx għalfejn ingħid li, meta jien dħalt fil-qasam ta' ż-żgħażagħ bħali, ma sibtx dak li kont ħsibt. Id-dinja hekk sejra: tidħak bil-bniedem.

Iżda hemm tajjeb illi jekk id-dinja tidħak bina, aħna nidħku bid-dinja. Kull min iħares fil-mera tas-seklu għoxrin, ma jarax ħlief uċuh jiċċarrtu u jidħku. Seklu tad-daħk!

Id-daħk huwa xbieha sħiħa tal-qalb. Kieku kelli nkun imġiegħel biex inxebbah id-daħk, kont kieku, bla ma naħsibha wisq, inxebbhu lil maskra. Taħt dik il-maskra ta' daħk il-bniedem jaħbi dak li għandu f'qalbu, l-istess bħall-baħar, il-wiċċ sabiħ u sieket imma mqanqal minn ġewwa.

Jien inħobb (għax biex tkunu tafuh, qalbi bħal ta' kulħadd miftuħa għall-imħabba) kull meta nsib ħin ħieles, nitlaqha daqqa waħdi, u daqqa ma' xi ħabib, fejn il-ħajja ma ġġennikx bid-diwi tal-għajjat, u noqgħod inħares mistagħġeb lejn l-imħalliet ta' kwiekeb li bħal ħafna għajnejn ferħana jidħku fis-sema, jew lejn is-siġar imriegħda minn fejn jitla' fuqani magħsfar ta' tpespis ħelu. Dak in-nhar kont waħdi: is-sema kien sħaba waħda; ix-xita tistħajjilha mdendla. Meta f'ħin wieħed nisma' ġejja mill-mogħdija li taqbad mat-trîq li kont għaddej minnha jien, bħal daħka twila u mimlija. Dik id-daħka jidhirli kont nafha. U f'moħħi bdiet bħal taqliba ta' ħsebijiet. Aħseb u ġib min jaħseb, fl-aħħar ftakart dik id-daħka ta' min kienet. Kienet ta' wieħed li xellifhom il-ħamsin, u snienu li donnhom xebgħu joqogħdu ġo ħalqu jisimgħu dak id-daħk imqanżaħ bdew, waħda wara l-oħra,

jingħażlu minn xulxin, u jmorru jikru band'oħra. Ngħiduha kif inhi dawk is-snien darba stħajjilthom qatgħa aħwa miġbura f'imkien wieħed imma, issa jiksruha fuq ħaġa, u issa ma jiftehmux fuq nitfa ta' ħaġ'oħra, bdew jinfirdu, u jaqbdu x-xogħol għal rashom. Dak il-bniedem, li min jaf kemm għadu jżommha, wiċċu dejjem frisk u daħkani, ma ħamelx jara ħalqu bla snien, u xtara oħrajn ġodda, isbaħ, milli kellu, u aktar marsusa. Kif rajtu quddiemi, snienu jaqtgħu bil-bjuda tagħhom f'dak id-dlam, traku għaddew minn ħsiebi l-versi tal-poeta malti, Dun Karm:

Tidħak bla bżonn, għax għandek snienek bojjod
 Li donnhom alabastru taħt il-qroll;
 U ngħidlek li tassew ma fihomx nikta;
 La mferrqa, la marsusa; sbieħ ilkoll.
Iżda għidli: fadallek xi tifkira
 Li darba f'nofs in-nhar (kien il-ħarifa)
Iltqajna t-tnejn bla snien għand E. Lapira?

Hemm daħk qarrieqi kif ġa rajna. Iżda mhux biss: hemm daħk ieħor ferrieħi li jinfirex mill-qalb u jferraħ il-ħaddejn bħalma d-dawl tax-xemx ħanina jsebbaħ, idawwal u jimla bil-ħajja firxa ta' art jew raba. Kif id-dawl jinxteħet fuq kull biċċa art, niexfa jew mistagħdra, wietja jew imħattba, hekk id-daħk, sieħeb is-safa tal-qalb, jidher fuq kull wiċċ, sabiħ jew mhux, niexef jew mimli. Aħjar daħka bil-qalb minn mija ta' bilfors. Daħka timliek bil-faraġ u ttawwal għomrok. "U jekk ma tidħakx", niftakar li qalli wieħed li kemm ili nafu qatt ma rajtu nitfa waħda bil-buri, "jekk ma tidħakx x'hawn aktar x'tagħmel fid-dinja? tibki? tiġġieled? tgħid fuq in-nies? Ha, ħaa, ħaaaj! Jien dak il-flien qatt ma kelli demm miegħu: il-ħaġa waħdiena li kienet iżżommni fejnu kienet dik id-daħka tiegħu għal xejn b'xejn.

Is-saltna tad-daħk titqassam f'kemm-il-biċċa. Hemm daħk sabiħ li jimla ruħek bil-hena bħal dak tat-tfal ċkejknin li jilagħbu u jiġġieldu, u ħin wara, b'dik it tbissima tagħhom tat-tfulija, jerġgħu ħbieb, miftehma bħal aħwa. Hemm daħk ieħor li l-aktar fuq l-uċuħ tax-xbejbiet: daqsxejn ta' tikmixa ħelwa fuq il-wiċċ imma li għandha saħħa tidrob il-qalb u tgħaqqad żgħażagħ bl-imħabba. Hemm kotra ta' daħk ieħor li joħroġ id-dmugħ mill-għajnejn, daħk li jġennek, daħk li jqabbżek bil-ferħ, daħk li tħossu jbaqbaq b'qawwa minn ġo fik u ma tistax iżżommu. Imma l-aktar li ssib, tkun fejn tkun, ġo misraħ nhar ta' btala, fi triq maħnuqa bin-nies, jew f'medda baħar fis-sajf, huwa daħk kiesaħ u bie-red li donnu mqiegħed fuq il-wiċċ mhux mill-id tan-natura iżda minn xi id imħarrġa ta' pittur, mgħallem fis-sengħa ta'

kif iqiegħed id-daħka fuq ħaddejn midbiela. Ix-xbejbiet huma l-magni li l-aktar iħaddmu u jinqdew b'dan id-daħk..... kiesaħ. Id-daħka għandha mill-weraq li jimla s-siġar bil-ħdura u l-ġmiel. Tneħħi l-weraq ħodor u s-siġra tidher għerja u siekta. Tneħħilha d-daħka u x-xbejba tidher fil-kruha u fl-imqata kollha tagħha: ħaddejn bla saħħa, għajnejn musfara.

Id-daħka tar-raġel hi xorta oħra. Meta jidħak ir-raġel, għid li dik id-daħka ħierġa mill-qalb. Għax hi liġi tan-natura li qabdet sħiħ ma' ruħu li mhux la kemm tħallih jidħak ħlief meta jħoss li għandu jidħak. Jekk ġo fih qed iħoss il-bikja ta' ruħ marida, id-daħka li tfiġġ fuq wiċċu bħad-dawl imċajpar ta' xemx bejn is-sħab, tkun daħka mbikkija. Jekk min-naħa l-oħra, ġo fih iqabbdu għeruqhom ix-xtieli mwarrda ta' hena qawwija, tismagħha dik id-daħka tidwi minn banda għal banda, daħka ferrieħa; u, bħalkieku b'seħer, tħossok int ukoll ferħan bil-ferħ ta' dak il-bniedem hieni. Imma r-raġel imqar fl-eqqel qilla tiegħu jidħak ukoll—daħka qalila.

Ma nafx jekk kienx Boswell li sejjaħ id-daħka "a good-humoured growl". Xi drabi, l-aktar fis-skiet qabri ta' dejr kbir, id-daħk jirbombja u jagħmel il-ħoss tal-inbiħ u l-għajjat ta' klieb imweġġgħa. Daqqiet id-daħk isawwar il-ħoss bħal ta' ċuqlajti mħabbta bil-għaġla, u xi drabi jkun jixbah 'il biki. Jien naf wieħed li meta jidħak, taħsbu qed jibki: jagħlaq għajnejh it-tnejn, jogħrokhom bil-keffa ta' idejh, u d-dmugħ iġelben u jimla wiċċu. Oħrajn jidħku, u leħenhom ma tagħarfux mil-ilħna tal-fidda ta' qniepen żgħar, jew mill-mewġ ħafif li jmelles il-blat. Jista' jkun hemm daħk werżieqi, irqiq, oħxon, sieket, kiesaħ, biered, faħħari, ferrieħi, imbikki, fieragħ, mistħi, imdejjaq, imfawwar b'uġigħ il-qalb!

Jien għandi ħabib: l-hena tiegħi meta nkun fejnu għax, sew jekk inkun bihom, sew jekk ma nkunx, dejjem jaqlagħli xi ħlieqa li ddaħħakni. Għandi kotra ta' ħbieb oħra, u nibqa' nafhulhom tul ħajti għad-daħk li ġagħluni nidħak. Kieku għada filgħodu kull ħabib, bil-jedd kollu, jibgħat igħidli x'għandi ntih ta' kemm-il darba tajjarli d-dwejjaq u n-niket, jiena żgur illi lejn ħadd ma jien midjun aktar milli jien lejn Temi Zammit. Jewilla ma jaqsmukx bid-daħk il-praspar u l-moħħ lura ta' karattri maħluqa fil-ħsieb ħaj ta' Temi? Is-sur Anġ, bniedem bla sabar kemm tridu, jitilgħulu f'radda ta' salib, u jbiddel ħsebijiet daqs kemm ibiddel irkejjen fejn jistudja, huwa karattru maqlugħ hekk tajjeb li jġiegħlek tidħak bid-dwejjaq tiegħu. U Pupull? Pupull ma tgħidx minn fejn jaqlagħhom il-praspar. Dejjem b'xi waħda minn tiegħu. Jindaħal fejn ma jesgħux, u jmidd idu għal kull ma jara b'għajnejh. Tidħak bil-qalb int u taqra r-rebħa ta' Pupull għax ifakkrek f'bosta nies tal-midħla tiegħek li minn għalihom sa jagħmlu xi waħda kbira, u ma joħorġux ħlief b'xi bluha

li tqabbad uġigħ ta' żaqq bid-daħk. U karattri—karattri li jdaħħku, miġbura minn fost in-nies li tgħix madwarek ? Temi għandu ħemel.

U xi trid tagħmel jekk ma tidħakx ? Chamfort qal "huma jiem moħlija meta wieħed ma jidħakx". Mhux ta' min jaħli, u jqatta' ħajtu, fit-taqtigħ il-qalb. Daħk il-lum issib kull fejn iddawwar għajnejk. Jekk tgħarrex fil-ħajja ta' kuljum ma tilmaħx ħlief nies li jdaħħkuk.... bis-serjetà tagħhom. Darba, fuq mejda. inkunu jien u żewġt iħbieb, wieħed minnhom iredden u jmaqdar il-ħajja li sawwtitu, l-ieħor sikwit jidħak. Jidħak għax, kif qal hu, il-ħajja trid tagħraf tidħak biha int, qabel tidħak bik hi. Imma, inżid jien, mhux la kemm tidħak jekk ma tkunx minnek ! Id-daħk, bħal poëta, jitwieled u ma jsirx. Jekk ma jkunx maħdum fuq l-inkwina tal-qalb, ikun fieragħ u bla ħajja. Id-daħk fih in-nifsu għandu jkun fih ix-xbieha tal-hena li tidħak f'sider dak li jkun, u tifrex il-ferħ madwarha. Id-daħk u d-dawl nisthajjilhom ħaġa waħda, meta jinħolqu, jferrħu kullimkien, isawwbu l-ħlewwa f'kull ruħ, u jqajmu l-ħajja f'kulħadd. Imbagħad fl-aħħar mill-aħħar ma għandniex ninsew illi s-sena *1936* hi ċ-ċentenarju tal-*Pickwick Papers.*

ĠUŻÈ CHETCUTI.

# FL-EWWEL TQARBINA

## JUM IL-FERĦ TAT-TFAL ĊKEJKNIN

*Werqat il-wiża liċ-ċkejken Martinu.*

Dehra ta' l-għaġeb rajt da' l-għodu kmieni
Fil-waqt li d-dinja mkebba
Kienet fid-dlamijiet; wil-fewġa kiesħa
Ix-xoqq il-għadam,
L-għasafar rieqda u jpetpu l-kewkbiet.
Il-maqdes t'Alla mimli dwal u dija
Rajtu ferrieħi,
Mimli bit-tfal ċkejknin :
Tfal jistennew li jiġi Ġesù fihom
Għall-ewwel darba,
Biex Miegħu jingħaqdu, u jagħmilhom henjin.
U smajthom ileħħnu
Flimkien bil-qalb, u jgħidu :

O Gesù Ħelu Int sa tiġi fina,
Għall-ewwel darba.
Qalbna nadifa u bil-grazzja mżejna:
Ejja O Ġesù Ħelu, ejja fina:

U Ġesù għaraf l-ilħna tal-ħrief Tiegħu
U traku li fil-waqt li l-bniedem t'Alla
Fuq il-midbaħ ta' l-imħabba
Għolla 'l fuq għajnejh u tenna,
Fuq frott il-qamħa u l-għenba:
"Dan huwa ġismi. Dan id-demm minn tiegħi".
Dak il-ħin Ġesù niżel wix-Xemx fid-dinja dehret,
U dawwlet u qajjmet,
U saħħnet il-ħlejjaq; oh x'għaġeb:
Il-ħobż baqa' li kien fid-daqs biss,
U f'dawk li jmorru miegħu (1). Tbiddlet is-sustanza.
It-tfal ċkejknin bdew jersqu
Biex Kristu jidħol fihom,
F'dak il-ħin smajthom!
Jien sgur li smajthom l-ilħna sbieħ moħbija
Ta' dawk li m'għandhomx kobor, w'inqas wisagħ jieħdu,
U bdew isebbħu u jkabbru l'Alla ħaj u jgħidu:
"Int il-bidu ta' kull maħluq, Int it-tmiem tiegħu
Dawk ta' bla dehen jobduk mingħajr ma jafu,
Int tinsab f'dawk li jgħixu u f'dawk li jistgħu jgħixu
F'ħin wieħed u kullimkien.
Int Lilek in-Nifsek l-ewwel ma tagħraf
U Fik in-Nifsek tara l-ħlejjaq kollha,
Int l-Imħabba, id-Dawl, is-Sebħ w'il-Kobor"
U fil-waqt li d-dija mliet,
Mliet ir-rkejjen kollha; U mis-sema
Tal-balzmu x-xita niżlet,
Rajthom:
Jien sgur li rajthom iċ-ċkejknin jinbidlu,
Jinbidlu u jixegħlu, u jinħbew fid-dija
U qalbhom tfawwar:
Xmara ta' deheb maħlul.
W'għajn qatt ma' rât, u widna le ma semgħet,
W'inqas qalb qatt ħasset, dak li ħassejt jiena,
W'intlift: intlift fil-kobor t'Alla.

Kr. Vella Haber.

---

(1) Fid-daqs u l-aċċidenti l-oħra: lewn, togħma u oħrajn.

# TAQSIM IX-XOGĦOL U L-MIXI EKONOMKU

Mitt sena ilu l-kotra kienet għal xi tliet darbiet ifqar milli hi llum. Kif stagħniet id-dinja?— Stagħniet id-dinja billi issa dak li jagħti għoġba, dak li jmur għal ġidna, dak kollu ta' ħtieġa għal ħajjitna nistgħu nġibuh b'inqas ħidma, b'anqas ħala ta' saħħa u żmien : nisel kollu ta' żjeda fil-ħila industrjali. Tweġiba aħjar, għax aktar tmiss l-għerq, hi li stagħnejna għax il-bniedem mexa 'l quddiem f'dak li hu tqassim tax-xogħol, mħaffef bil-miġja ta' l-għerf tekniku u riqma fil-ħidma.

Niġu ngħożżu dan it-taqsim mita nagħtu daqqa ta' għajn lejn ħaddiem taż-Żmien Fustani. Xogħlu ma' tul is-sena kien tabilħaqq mħallat, għax kellu jaħseb sa l-anqas ħaġa. U għalhekk għalkemm kien jaf ħafna ħwejjeġ ma kien jaf xejn sewwa, u mhux darba biss kellu jgħaddi mingħajr dak li għalkemm ta' ħtieġa ma setâx jagħmel jew jikseb minn ġartu.

La kienet din ir-riqma merfugħa għaż-żmienijiet tan-nofs biss. Tnikkret fir-Russja sas-seklu għoxrin. Iżda xejn ma kienet timxi sewwa, għax kemm kien jista' jsir jaf raħħal fuq it-torbija tal-bhejjem, mita kien hekk midhi bi bżonnijiet oħra? Kif seta' jsir nissieġ meħjiel jekk hu kien jinseġ biss għal ta' daru ? Imma ma' kull żjieda fit-taqsim tax-xogħol il-ħeffa kibret u hekk iżjed seta' jinħadem ma' tul żmien wieħed u ma' l-istess tqanżiħa. Mita l-ħaddiem tâ ruħu għall-għażil biss jew għall-insiġ biss, mita l-bidwi tah għall-qmuħ, jew għall-bhejjem jew għas-suf biss, infetħet it-triq għaż-żjieda fit-tagħmil. Għax it-taqsim u r-reġgħa jħaffu x-xogħol.

Iż-żjieda fil-ħila ta' l-iwħud, kienet l-ewwel nisel ta' dak il-ħsieb li trabba fil-bniedem tat-taqsim fix-xogħol.—Hemm Bidu fil-bniedem li jressqu lejn it-Tajjeb sew tal-ġisem kemm ukoll tar-ruħ. Dan il-Bidu kien li nebbaħ l-ewwel darba f'moħħna l-idija kif nistgħu nżidu ħiltna billi naqsmu x-xogħol

bejnietna, kullħadd jieħu dik il-biċċa li tgħodd għalih l-iktar. Iżda, kif għidna, ma waqafniex fit-taqsim. Ġraw żewġ ħwejjeġ oħra. L-ewwel, it-taqsim tax-xogħlijiet ġieb miegħu d-dħul tal-makni u ta' rqim ġdid.

Għax la darba t-tiswir ta' oġġett huwa mxerred f'għadd ta' biċċiet ta' xogħol żgħar u mħeffin, id-dħul tal-makni jiġi minnu. Jekk fl-industrja taż-żraben it-taqsim wasal sa' dik l-irquqija li għadd ta' ħaddiema ma jagħmlu xejn ħlief jaqtgħu t-tkaken, id-dħul ta' makna għal qtigħ ta' tkaken jidher ta' qligħ lil min ixiegħel. Il-makni mill-banda tagħhom iġibu magħhom rqim ġdid, u tħaddim ta' setgħa li kull ma jmur jikber. Hekk it-tikxif tas-Seklu tmintax fetaħ it-triq lil żjieda fit-tfittxija tal-ħadid. Għalhekk taqliba kbira fl-industrja tal-ħadid u hekk wasal il-forn ta' l-azzar. Dan it-tikxif qajjem ħtieġa kbira ta' setgħa, li ġiegħel Watt u dawk li ġew wrajh jagħmlu tagħhom u jħaddmu s-setgħa tal-fwar.

It-tieni, it-taqsim jiġbor kull industrja f'xi nħawi wieħed Dana nafuh lil dak li l-pajjiżi jintgħażlu wieħed minn l-ieħor f'dak li hu ħabta għax-xogħol. Xi bnadi ta' Franza jistgħu jingħataw għall-ħdim ta' l-inbid, għax, jikber hemm l-għeneb. L-Ingliterra, il-Ġermanja u l-Amerka tajbin għall-industrji tista' tgħid kollha għax għandhom roħs fl-egħjun ta' setgħa u għax jistgħu mingħajr tweghir jiksbu materjal u jistgħu malajr imorru għas-swieq tagħhom.

Hekk naraw kif il-ħsieb tat-taqsim fix-xogħol qalleb ir-riqma ekonomka, mexxieha 'l quddiem, u għanna għax ħaffef il-ħedma u raħħas hekk dak kollu li sar biċċa mill-ħtieġa ta' ħajjitna.

Fred Amato Gauci.

4 - 8 - 36.

# IL-ĦRAFA TAL-MUNTUN

Missier kellu iben, u meta wasal biex iwelli sejjaħlu u qallu :— Ibni isma' x'ser ingħidlek : tlett twissijiet fejjieda inħallilek; żommhom u wettaqhom; jekk tinsiehom b'rasek idur. U beda :— Jekk tiżżewweġ, lil martek turihiex x'tagħmel—bin in-nies la trabbix—u żbirr la tieħdu qatt bi ġbinek.

Għadda żmien-bi-żmien, ibnu żżewweġ u kellu l-arbitlu tar-raba, ulied ma kellu qatt u dejjem bix-xewqa li jrabbi nitfa ta' sabi !

Jum wieħed, wara l-għejja tax-xogħol, instabu jistrieħu huwa u martu għar-rwieħ, fuq xriek twil ma' ġenb il-bieb tas-setaħ tad-dar, għal-beraħ, fit-tifwiġ tal-fwieħa tal-ward wil-ħdura tal-egħlieqi tagħhom, u Sidor qalilha — "Ma nrabbux daqsxejn ta' egħwejtaq ?..." Weġbitu :— "Nġibu tifel mill-isptar u nrabbuh". Hekk għamlu; għallmuh id-dutrina u meta tfarfar għamlulu l-griżma; Sidor kellu ħabib żbirr u qalgħu parrinu. Ġbin... ġbint... parrin... filjozz... u ż-żmien għaddej.

Għodwa waħda ħareġ minn sbiħ ommu—jekk niddawwar ħsiebi tieħux.... qallha lill-mara— hawn da'l-muntun begħtu lil Majsi ż-Żewwieli—karkru miegħu. Għal xi l-ħdax ġie bi xkora fuq kitfu b'xi ħaġa ġe' fiha, kienet ras il-muntun. Qabad mgħażqa u baqa' dieħel l-għalqa bix-xkora, ħaffer ħofra u radamha ġet-trab.

Il-mara xammet li ġox-xkora kellu xi xkiel; lemħet it-telħiesa mċappsa bid-demm, iżjed imliet rasha; iżda ħietet fommha u ma qaltlux għajr—x'għandek hemm Sidor ? Sidor tellagħ sebgħu l-werrej fuq ħalqu, għasar xofftejh... bħalkieku :... Istorni ...

Dik is-sena kien naqas raġel u ma' nstabx min qatlu.

Għadda ftit taż-żmien u nqalgħalhom naqra tal-lewm bejniethom Sidor wil-mara, u hu ħid-dagħdiegħa newlilha daqqa ta' ħarta bir-raġel... qabdet tnewwaħ u twaħwaħ... ħarġet fuq il-għatba tal-bieb ta' barra...—ma tridx, ewwilla, toqtolni kif għamilt ma' dak ir-raġel !.........

Sa filgħaxija, ir-raħal kien jaf bi ħġaru, li Sidor tlewwem mal-mara u'l-kelma ta' Konċa, mart Sidor, dwiet sa ras-il-għajn; għax il-Krozza, qrint Kunċett, wasslitha inkiss-inkiss qabel siegħa—qarstet rasha fiċ-ċulqana, qalgħet qlugħha u rħetilha lejn il-għassa u erħilha tistaqsi għar-rajjes. Malli daħlet ħdejn is-surġent tal-għassa, rasha bdiet iddur biha,

xħin lemħet wara dahar is-Surġent, li kien fuq mejda jikteb, xebgħa xarbitelli mperrċa mal-ħajt—xwabel, mnanar, ħbula, bramel....

—Ommi.... x'għandek xi tgħidli—qalilha s-surġent. Il-Krozza tat ħarsa mgħaġġla madwarha, ressqet iċ-ċulqana lejn geddumu u—kelma rasi u rasek, sinjur... dan u dan ma qalet il-fliena moqbejl... ma trid taħlef għal ħadd, sinjur, milli nara... ara ssemmini... u sa siegħa lejl, din l-aħbar wasslu-hielu xi żewġ pċielaq oħra.

L-għada filgħodu, ir-rajjes bagħat lil ġbin Sidor biex inewwilulu l-għassa—Gawċi... kollox bis-sikta... tista tibagħtu quddiem, indukrah b'għajnejk.

—Tikk—tikk il-bieb....

—Min hemm ?

—Jien... ġbinek...

—X'hemm ġbin... x'inqala'?... idħol... iġbed l-ispaga... Gawċi ġibed l-ispaga u daħal. "X'għandna mill-ġdid, ġbin ?"

"Hemm is-surġent irid ikellmek.... jekk ma nkunx jien, ikun ħaddieħor...

—Niġi.... kebbes is-sefsiefa u telqu flimkien lejn il-għassa, kien hemm il-kaless jistennieħom. Rikbu huma u s-surġent u neżlin jitbandlu l-quddiem u l-ura fuq dan l-imbierek ta' kaless lejn il-belt; niżlu quddiem il-qorti : huma u deħlin il-bieb, l-iżbirr għemeż lil tal-għassa, sieħbu, bħalkieku ried igħidlu :— Hawn hu ġbini, dieħel għat-tabxa, biċċa deheb mástizz ! !......

Sidor, meta mistħarreġ, baqa' dejjem sieket u jitbissem... għaġġeb lil kulħadd ! ! ! Il-kawża kienet tidher ġejja kontrieh u billi dik il-ħabta nzerta ma kienx hemm min igħallaq, il-Ħakem tal-gżira ħareġ xandar ta' mitejn skud għal min irid jindaħal biex igħallaq jekk ikun meħtieġ.

In-nies tar-raħal geġwiġija waħda kulħadd igħaġġibha :— "Ara l-min sa jgħallqu... u tafu min xela għalih !... Kemm kien jidher raġel fuq ir-rġiel... jien qatt ma smajtu jgħid jaħraq-dinek... xi għajn daħlitilhom !... kemm kienu jgħixu annuna u għalenija !" U oħrajn :— "Min jitfa fil-borma jkun jaf x'fiha !...

Bix-xandar tal-Ħakem ma baqgħux ma semgħu wkoll ibnu wil-mara.

—"Afli, ma... jekk joħroġ joqtlok !... għad ma nqala' ħadd min ineħħih"... u semmielha l-mitejn skud tal-proklama : jgħidlek "għall-flus toħla ommi !" Zied igħidilha :— "Kollu wieħed... jiena immur ngħallqu !... mhux għall-flus... iżda m'għandix f'rasi li ma jneħħilekx ħajtek jekk jitilquh ! Xi tgħid jomm ?"

—"U mur ibni; xħin tiġbidlu l-ingassa, agħlaq għajnejk, u qis li tiġi bl-għoqda 'll-hawn! għax mitejn skud fihom kemxa u ngħaddu tlett snin bihom, b'rasna mistrieħa!... mur ibni, mur inkiteb...

L-Imħallef talab minn għomru sal-mewt.

—"U tegħmuhielu bil-qajl lil Sidor, u widdbuh li jekk għandu fiex iqabbad dufrejh ifittex jiggranfa biex jeħles".

—"Il-bojja se'r ikun l-iben li rabbejt", — żiedu qalulu. Hawn Sidor faqqa' daħka!...

Din kont nistenna! Irrid inkellem lis-Sindku, qallhom, għax kollma ġara, nsiġtu jien, biex nara jekk iseħħx dak li wissieni missieri qabel ma miet; u seħħ waħda b'waħda!... Zied igħidilhom—"Tridux teħduni d-dar, biex taraw b'għajnejkom u tmissu b'idejkom in-nisġa ħarir u wtieqa li ħdimt biex nara l-wetqa ta' tlett twissijiet li ħallieli missieri qabel ma radd ruħu 'll-Mulej!

Dawk fetħu għajnejhom. "Isbaħ din!—wieġbuh. Il-ġlajka rikbet fuq kaless, u Sidor bil-qajd marbut ġo' jdejh ma ġandarm, f'kaless ieħor, għal għand Kunċett. Meta waslu—"Għallgħalqa aħna; nieħdu mgħażqa magħna.

Ħaffru hawn—qallhom Sidor. Ħaffru u nqalgħet ras il-wett!...

—"Dik kelli fix-xkora meta Konċa tiegħi staqsietni x'għanċi ġe t-telliesa; u jien waqqaft sebgħi l-werrej fuq xofftejja biex bħal dak li qallu ndaħħlilha f'rasha li tkasbart b'demm għajri b'għajb tiegħi in-nifsi u li rrid naħbi għommti!

In-nies tal-qorti baqgħu jħarsu lejn xulxin u miblugħin fihom infushom. Ir-Rajjes amar lil ġbin Sidor biex iħollulu bla telf ta' żmien il-felqa minn idu u l-għada kien meħlus.

Sidor wettaq it-twissijiet ta' missieru fuq l-iżbirr, fuq Konċa l-mara tiegħu, u fuq it-tifel li rabba b'ibnu u bin Alla.

Kemm tiswa t-twiddiba tal-missier u tal-omm!

*L-imwieżen tal-Qorti jridu jitgħabbru bis-sejf tal-Ħaqq u s-Sewwa.*

R. M. B.

# META FRAR TILEF RASU

*Moħtar lil Frar tas-sena 1936 li għadda bi bnazzi liema bħalu.*

Dak inhar li għodu għodu kellu jiġi jżurni l-ħabib tiegħi sebħet ġurnata sabiħa kemm tista' tkun għalkemm kienet il-għoxrin ġurnata tat-tieni wieħed mit-tnax l-aħwa tas-sena. Billi Frar għandu fil-ħrejjef u l-qwiel tagħna l-laqam ta' fawwar, jien lil dax-xahar, tul il-ljieli kesħin u jċaqċqu bir-ragħad u s-sajjetti, min jaf kemm drabi ħlomtu ġorf kbir li jiflaħ fuq spallejh il-btieti tal-ilma tas-sema kollu, jonkella ġorf imġeżwer f'kabozza biex jilqa' l-bard, imħabbat ħafna mhux ħlief jaqla' l-maksar mill-kanali tat-tisqija, u jferragħ l-ilmiet issa fuq naħa issa fuq oħra u jxabba' r-raba' kollu u jfawwar il-ġwiebi. Minn għand il-bdiewa Frar qala' tifħir aktar milli jistħoqqlu. Imma kien hemm żewġ tajfiet ta' nies li ma kenux jaħmluh u mhux ħlief jixtequlu l-ħsara u dawn kienu x-xjuħ tal-Ingieret li l-bard mhux biss jagħmel bihom imma jibqa' sejjer bihom ukoll, u n-nies ta' ġol-ibliet li joboghdu l-għeluq ta' ġod-dar u jkunu f'sikkithom meta jiċċaċċraw fit-triq biss. Ikolli ngħid li dis-sena Frar xeba' jaqla' t-tmaqdir ta' dawn in-nies; u, għajjur li hu,għamel waħda minn tiegħu, neża' l-kabozza ħoxna xitwija minn fuq ġismu u libes il-libsa rqiqa ta' April, ix-xahar ħelu tar-rebbiegħa. Bħal xieku ried igħid: "Kos, mhux April biss għandu d-dritt jagħmel bnazzi!".

Il-bdiewa mgħaddba ll riedu x-xita gemgmu "Din is-sena Frar tilef rasu!"

U fuq għaqbiet, għelieqi, iġbla, djar u knejjes niżlet ta' kull filgħodu għal-għoxrin darba xita—mhux tal-ilma imma ta' dawl sħun; u l-għasafar tal-bejt, il-ħbieb tagħna ma' tulek ja sena, għoxew bil-ferħ. L-għammiel ħabbar lil martu, "Ser ikollna sena libiena; u ġwinħajna u riġlejna ma jibbesux bil-ksieħ li ġġib magħha sena milwiema." Wieġbet l-għasfura "Dan Frar mhux soltu tiegħu. Sgur tilef rasu. J'Alla qatt ma jerġa' jsibha!"

Iva, Frar tilef rasu, neħħa l-buli li kien jiġi bihom ta' kull sena; u għax Frar neħħa l-buli, jien li bħalu ħafna drabi żammejt il-geddum mal-ħajja għal xejn b'xejn, qtajt li nneħħi l-buli tiegħi wkoll li kont drajthom daqs il-libsa li nxidd kuljum. u bħalu għidt: Fl-aħħar mill-aħħar jien ukoll għandi d-dritt inkun ferħan.

F'daqqa waħda l-bnazzi tas-sema ikħal daqs in-nir daħal f'qalbi, nifs ta' arja ġdida mlieli sidri, u fi mnifsejja telgħet ir-rieħa tal-art sħuna u tal-ġnejniet mgħottija bil-weraq imwaqqa'.

F'din il-għodwa li qed nitħaddet fuqha, l-isbaħ għodwa fost l-għodwiet l-oħra kollha, malli berraħt it-tieqa, żiffa ħajja, tistħajjilha tfajla nebbiexa, daħlet tiġri ġewwa l-kamra tiegħi tonfoħ 'l hawn u 'lhinn, ittajjarli l-karti u tħabbilli xagħri, tberridli wiċċi u għonqi b'nifisha jfuh bil-trisk ta' l-arja nadifa u t-tira ta' l-art imniddija u mbagħad, onfoħ u onfoħ sa fl-aħħar irnexxielha twaqqagħli l-kappell minn fuq l-utiet. Ikolli ngħid imbagħad dil-ħalja żiffa smajtha tidħak bija biex tinbixni. Rajt li kellha qalb iċ-ċajt, iddurli 'l hawn u 'l hemm ma tidherx u biex ma nħallilhiex fejn toqgħod tilgħabli tal-mistoħbija, għalaqt il-bieb ta' biswit it-tieqa. Minn bejn ix-xquq smajtha tingħi donnha ħadet għaliha.

Imma barra hi baqgħet imqarba xorta waħda, issaffar kemm kemm bejn il-weraq wiesgħa u mqasqas tal-banana u l-friegħi rqaq għerja tar-rummiena donnha trid tagħmilha ta' għasfur. Tgħaxxaqt inħares lejha, inħoss li hi x'imkien jew aħjar kullimkien u madankollu ma nistax naraha. Ma stajtx ma nistħajjilhiex xi ħaġa ħajja, ħajja daqs tfajla mqarba tal-lum, tfajla minn dawk li jaqtgħu xagħarhom qasir bħal tas-subien.

B'rasi fuq minkbi f'ħoġor it-tieqa, qgħadt inħares lejn issiġar ta' ġol-ġnien li għandna mad-dar. Għidt bejni u bejn ruħi: Il-weraq tal-banana jistgħu dis-sena jibqgħu jafuhulu lil Frar talli tilef rasu. Tabilħaqq li qalbhom mhix f'lokha wisq, u aktarx sfajrin, imma għall-inqas għadhom mal-ħajjin u dis-sirda ta' fil-għodu taħjihom. Għax li Frar ġie bix-xita u l bard bħal dari kieku faru l-ibjar imma huma ilhom li waqgħu fl-art bħal ċarruta.

Ftakart li s-sena ta' qabel Frar fawwar il-wiedien ma l-ewwel dehra tiegħu ; u minn fuq l-għoljiet gelgiela qagħad imbagħad iħares biċ-ċiera lejn id-djar tan-nies mirżuħa u x-xitel miksura. Għalhekk għidt li l-weraq tas-siġar tal-banana bħax-xjuħ tal-Ingieret ma setgħux ma jfaħħrux il-ġenn ta' Frar għax kien ilu aktar minn mitt sena ma jarmi l-kabozza xitwija bħal dis-sena. Kif qalu l-erbat iżmna lil-bnedmin biex Frar ġie bil-bnazzi kellu jissellef libsa tal-ħarir mieles minn għand April, u niżel fid-dinja minn fuq l-iġbla jgħammex bid-dwal u bid-daħk tal-bnazzi ħalli jgħaġġibna. Donnu ried igħid "Kos jien għax ma rridx ma nagħmelx smewwiet koħol u sħab qishom ġawhar ta' kull sena; għax meta rrid ara kif naf."

Daqs kemm qgħadt naħseb fuq dana u daqs kemm b'għajnejja domt ngħarrex 'l hawn u 'l hinn, il-bidla ta' Frar kollha daħlitli f'demmi u f'ġismi; u jien li s-sena kollha dejjem bilbuli, ħassejtni maħkum ġo fija mix-xewqa kbira li naqbad niżfen u ngħanni. Tabilħaqq, ħassejtni mimli, marsus b'ferħ ġdid, għajnejja jarmu d-dija li niżlet ġo fija, u f'riġlejja ħassejt xewqa

kbira li noħroġ niġri 'l barra għal beraħ, għal ma' tulkom ja trîqat bajjada. Le, jien ma għaraftx iżjed lili n-nifsi u l anqas tad-dar li rawni dak inhar ma għarfuni.

Waħħalt f'rasi li lil-ħabib li kont qed nistenna kelli nagħtih il-ġenn ġdid tiegħi, il-ġenn tal-ferħ tas sema bnazzi li jien ħadt minn għand Frar. Għax bħali dal-ħabib kellu qalbu tqila. Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int.

Malli dan ġie għandi l-ewwel kelma li qalli kienet. "X'nervi! dal-lejl ma rqadt xejn!"

Barra, trieħi ta' dawl dehbi mitfi kienu qed iħabbru li, sa ftit ieħor, kellha tfiġġ ix-xemx, xemx bħal dik li fi Frar kienet ilha ma tidher is-snin il-kbar.

"Nervi! nervi!" gerger il-ħabib.

"Nervi?" saqsejtu jien ta' bir-ruħi mistagħġeb. "Nervi! Le!" Għal għarrieda għajjatt. "Viva Frar u n-nervi armihom, irfishom taħt saqajk; inża' l-libsa tal-buli u xidd il-libsa tal-ferħ. Ifraħ, idħak, aqbeż, iżfen, iġġennen.... iġġennen iva bħal Frar; ma tarax dan tilef rasu. - Ejja ttawwallu mit-tieqa ħalli tara kif ma għadux li kien." Il-ħabib nqata u naħseb li f'qalbu qal "Għandu jkun hu tilef rasu." Imma jien aktar ma rajtu jħares lejja b'dawk l-għajnejn saqsieqa aktar infexxejt nidħak, sa ma waħħalt f'rasi li kont qed niġġennen tassew. Kelli ġo fija jitħabat l-ispirtu ta' Frar mibdul, il-ġenn tiegħu, il-ferħ wid-dija tal-bnazzi tiegħu..... Viva l-ferħ! Viva l-ġenn mela! Oqtol... oqtol in-nervi... oħnoqhom.... tħallihomx jieħdu nifs izjed.... fittixhom fid-dinja kollha u oqtolhom. Ma tarax kif qegħdin iħarbtu l-ġnus kollha.

Milqut minn ħsieb ġdid, xħitt il-ġlekk fuqi, u xuxa u bil-qmis imberrħa fuq sidri, ħriġt ngħaġġel il-barra, bil-ħabib tiegħi miexi wrajha, ma jafx x'jibda jaħseb.... 'il barra 'l barra.... qalb l-egħlieqi, ħada l-baħar fejn wieħed jista' jara sewwa x-xemx tielgħa.

Wasalna f'xatt il-baħar. Hawn ġejna wiċċ-imb-wiċċ mal-aqwa tliet ħwejjeġ kbar, kbar daqs ir-ruħ, li fost ir-reħja tal-ħwejjeġ bla ħajja hi biss tħosshom u tifhimhom. Dawn it-tliet ħwejjeġ kbar huma s-sema ta' bla tarf, ikħal, il-baħar u l-art. Lejn il-Lvant minn ġox-xefaq kienet dak il-ħin tielgħa x-xemx, ħamra nar, ħamra daqs id-demm, u l-baħar imriegħed ta' fejnha stħajjiltu deheb maħlul qed iraxxax bil-kotra minn fuqha, ħamra daqs it-tagħbi porpra tal-iġfna qodma ta' Sidun. Sikta, ħemda, kobor, eh, il-ġenn ta' Frar mhux ġenn tal-boloh; jaf x'inhuma l-ħwejjeġ sbieħ u għalhekk mela dis-sena rema l-kabozza tal-bard. U żgur! Fejn dari jiġi b'sema sabiħ bħal dan dejjem bil-buli, riekeb fuq xi raff sħab iswed u jkarwat

ir-ragħad u jfaqqa' s-sajjetti donnu jrid jinfexx fid-dinja u jagħmilha trietaq. Għandu raġun. Kemm idum sejjer hekk! Sewwa tbiddel. Fl-aħħar mill-aħħar għaliex it-tifħir kollu għandu jaqilgħu April biss?

Sa dak il-ħin il-ħabib quddiem il-kobor tal-baħar kaħlani u mħarref lejn ix-xefaq, ma kienx għad qalli kelma.

Sebqitna f'dawk l-inħawi raħħala żagħżugħa. Il-għanja tagħha waslet sa fejnna bħal baħrija tar-risq:

> Ix-xemx telgħet, qalb ta' qalbi.
> L-għalqa qamet, xi sbuħija!
> Jien imlejtlek bomblu għana
> Mill-għajn bajda taż-żgħużija.

Il-ħabib ma ntebaħx mill-ewwel li hu wkoll ftit ftit beda jittieħed bil-ġenn tiegħi, il-ġenn li jien qablu kont ħadt minn għand Frâr. Xuftejh tbexxqu u "xi sbuħija!" gerger "qisni kos! ma għextx f'dinja!"

"X'inhu? saqsejtu".

"Għandi għoxrin sena", tenna "u qatt f'għomri ma rajt ix-xemx tielgħa, u qatt baħar bħal dan ma rajt u l-anqas dil-ħemda ma ħassejt madwari."

Ma weġibtx; imma maħruġ minni n-nifsi bil-ferħ ta' dak il-bnazzi bqajt inħares lejn ix-xemx, naraha tqajjem il-ħajja qajl qajl. L-ilwien xterdu magħha fuq kollox sa' fuq iż-żrar ta' taħt riġlejna wir-ramel donnu frak tal-ġawhar; u aktar ma għadda l-ħin aktar dawn l-ilwien bdew jiċċaraw. Ir-riħ ġieb l-ħsejjes tal-belt fil-qrib. Il-ħabib qal "Il-Belt qamet; imma l-belt ma toħroġx tara x-xemx tielgħa." Jien erġajt ma weġibtx.

Wara ftit, "Qed inħossni bniedem ieħor" tenna l-ħabib donnu lilu n-nifsu. "Għandu jkun tlift rasi. Fejn huma n-nervi li kelli! Itteħidt minn Frar. Qed inħoss ix-xewqa nagħmel li għidtli... niżfen.. ngħajjat... nidħak....."

Jien bit-tbissima f'għajnejja, mera ta' ruħ bla sabar "Nervi!" erġajt staqsejtu "armihom... isħaqhom taħt saqajk, għaffiġhom bħal lifgħat tas-semm".

"Ħabib" tenna dak, "Fhimt lil Frar. Fhimt lilek. Mil-lum il-quddiem nibdew niġu naraw ix-xemx tielgħa ta' kull fil-għodu".

"Iva" weġibtu "niġu, imma bħal ma għamel Frar dis-sena nagħmlu aħna f'dax-xahar u l-oħrajn u x-xhur ta' snin oħra. Ninżgħu l-kabozza tal-buli darba għal dejjem, u nxiddu l-libsa sabiħa ta' April, il-libsa tal-bnazzi".

Dak in-nhar it-tnejn dħalna lejn il-belt, mibdula; wiċċna u għajnejna kien għad baqgħalhom id-dija tad-daħk ġo fihom. In-nies li kienu jafuna dejjem bil-geddum stagħġbu. Minn

dak inhar 'l hawn il-ġenn ta' Frar qatt ma ħalliena u daqs kemm drajna nkunu ferħana fil-beraħ tal-arja u x-xemx l-anqas għadna nafu kif tagħmel il-geddum. Bejnietna sikwit ngħidu illi kieku n-nies tad-dinja jkunu b'liġi mġegħlin iqumu ta' kull fil-għodu jaraw ix-xemx tielgħa qrib l-egħlieqi u qrib il-baħar, kieku fid-dinja jkun hawn inqas nies bin-nervi u għalhekk aktar ħbieb u inqas kanuni u sottomarini u gassijiet u xkubetti. Iva, id-dinja għandha bżonn tax-xemx. Mis-sfurija tagħha tara li demmha marid; u dejjem bin-nervi, l-anqas taħmel lilha nfisha, ma xxomx ħlief rieħa ta' balal u ma tismax ħlief ċaqċiq ta' xwabel. F'Ġeneva, il-Palazz tal-Ħaqq, hemm wisq nies morda bil-mibegħda u suspetti u rgħiba. Uff! X'buli għandha d-dinja. Jekk ma' għadx tispiċċaha ħażin!

J'Alla d-dinja tittieħed mill-ġenn ta' Frar bħalma ġara lilna.

Ġużè Aquilina

# TAGĦRIF ŻGĦIR

## *RKOPPA U WIĊĊ*

Żewġ kelmiet Maltin sa ruħhom. Imma kif daħlu fihom l-ittri *p* u *ċ* li mhumiex ta' nisel Malti?

*Rkoppa.* Jaħtieġ immorru ftit fil-bogħod. Fil-Għarbi hi *rukba*, li daħlet fil-Malti bil-libsa ta' *rokba*. Iżda dil-kelma, fil-għadd farrâd, qajla ngħiduha; għalhekk insejnieha u tlifnieha. Aktar ingħiduha fil-għadd imżewweġ li hu *rkobtejn*, bħal *ħbiżtejn* minn *ħobża*. Il-konsonanti *b* b'*t* warajha tinħas *p*, għalhekk *rkobtejn* tinħass *rkoptejn*. Maż-żmien ġara li bdiet tinħass il-ħtieġa tal-għadd farrâd. Minn fejn sa nġibuh? *Rokba* kienet mejta u minsija. L-eħfef ħaġa kienet li naqtgħu mill-kelma *rkoptejn* (=*rkobtejn*) it-tarf *ejn* tal-għadd imżewweġ u nħorġu kelma ġdida ta' għadd farrâd *rkoppa*. Mela n-nisel ta' *rkoppa* hu dan: *rokba—rkobtejn—rkoptejn—rkoppa.*

Xi ħadd jistaqsi: Kif għandna niktbu *rkobtejn* jew *rkobbtejn*? *Rkobtejn* hija tajba, għax ġejja minn *rokba* li għandha *b* waħda. Iżda jekk inqisuha ġejja minn *rkoppa*, niktbu *rkobbtejn.*

*Wiċċ.* Fil-Għarbi hi *waġh*, li minnha ġejj il-verb *weġġah.* Iżda billi l-*h* tat-tarf hi siekta, l-kelma tinħass bħal *waġġ*, li fil-Malti ssir *wiġġ.* Terġa', il-*ġ* f'tarf il-kelma, trattab leħinha u ssir *ċ*, u hekk *wiġġ* issir *wiċċ*, bħalma *raġġ* tinħass *raċċ.* Il-kelma *wiċċ* ma niktbuhiex *wiġġ*, bħalma niktbu *raġġ*, għax il-konsonanti *ċ* saret bħala waħda mill-ittri tal-għerq, li tibqa fil-plural ukoll *uċuħ.*

P. P. S.

# X'JIKTBULNA

Lill-Editur
ta' "Leħen il-Malti"
3 Awissu 1936.

Sur Editur,

Aħna fraħna ħafna bil-konkors li nieda l-Gvern is-sena li għaddiet għal rumanzi bil-Malti; iżda aħna naħsbu li l-Malti, bħala letteratura li għadha tinbena, għandha bżonn l-ewwel nett ta' traduzjonijiet ta' kotba minn ilsna oħra.

L-arti letterarja, bħal kull arti oħra, hija waħda għal kull pajjiż, għax il-bniedem huwa wieħed kull imkien, għal kemm is-sentimenti, id-drawwiet u l-ħsebijiet tiegħu jitbiddlu ma' kull pajjiż. Għalhekk, għalkemm Omeru, Virġilju u Milton huma nies ta' artijiet u żmenijiet imbegħda, u għalhekk jaħsbu u jħossu mhux bħal xulxin, iżda ma-dan-kollu, l-arti tagħhom f'*Iliade*, fl-*Aeneide* u fil-*Paradise Lost* hija waħda. Il-pinzell u l-kuluri li bihom pinġew Virġilju u Milton huma l-istess bħal dawk li bihom pinġa Omeru; il-kwadri biss li mhumiex bħal xulxin.

Għalhekk, għalkemm fost il-Maltin, jista' jkun hemm nies ta' xeħta għall-letteratura, iżda dawn in-nies qatt ma jistgħu jirnexxu tajjeb fil-kitba letterarja qabel ma jkunu tgħallmu dik l-arti komuni għal kull ilsien. Din l-arti tista' biss tidħol fil-Malti bit-traduzjonijiet ta' kotba barranin.

B'dana ma rridux ngħidu li l-konkors tar-rumanzi ma kienx f'waqtu. Anzi naħsbu li dan il-konkors sewa ħafna mhux biss għat-teħġiġa li ta lill-kitba Maltija, imma wkoll għax stħarreġ il-ħila ta' ħafna miż-żgħażagħ kittieba u hekk darb'oħra l-Gvern ikun jista' jiftaħ u jqabbel konkorsi oħra mall-ħila tal-kittieba. Iżda aħna nixtiequ li l-ewwel konkors tal-Malti jkun traduzjoni ta' kotba minn ilsna oħra. Il-kotba għandhom ikunu magħżula mill-għaqda tal-eżaminaturi biex ikunu ta' l-istess kobor u toqol, u hekk il-premju jkun jista' jingħata aktar bil-ħeffa. Barra minn dan l-istess ktieb m'għandux ikun magħżul minn aktar minn kittieb wieħed, biex hekk f'konkors wieħed ikun jista' jkollna serje twila ta' kotba tradotti.

Għoddni dejjem
tiegħek
WIGI PORTELLI.

---

Inħajjru l-kittieba biex jiktbu fuq dan is-suġġett: Is-siwi tat-traduzzjonijiet fil-Letteratura. Is-siwi u l-ħtieġa tat-traduzzjonijiet fil-Letteratura Maltija.

**L-aħjar komponiment ikun miġjub f'dan il-ktieb (L-Editur).**

## KOTBA TA' L-ISKRITTURA MQADDSA

MAQLUBIN BIL-MALTI MILL-LHUDI

MILL-**Prof. Dun P. P. Saydon**

*Ktieb il-Ġenesi*, (ma fadalx għall-bejgħ)
*Ktieb l-Eżodu.*
*Ktieb il-Levitku.*
*Ktieb in-Numri.*
*Ktieb id-Dewteronomju.*
*Tifsir il-kliem* ta' l-ewwel ħames kotba.
*Ktieb Ġożwe.*
*Ktieb l-Imħallfin u ktieb Rut.*
*Il-Kotba ta' Samwel.*
*Il-Kotba tas-Slaten* (joħroġ dal-waqt).

Niżżiħajr bil-qalb lix-xirka M. U. S. E. U. M. li xtrat għadd kbir minn dawn il-kotba u żeditli l-ħila biex nibqa' sejjer 'l-quddiem ix-xogħol.

Billi l-ewwel ktieb ma fadalx aktar minnu għall-bejgħ, u ħafna għadhom jitolbuh, nitħajjar nerġa' noħorġu jekk insib għadd biżżjjed ta' qarrejja li jixtruh.

P. P. S.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn Malta id-doppju.

Ghal Abbonamenti u bejgħ morru għand id-Ditta
A. C. AQUILINA & Co.
58D Strada Reale, Valletta.